## Kalendarju Liturġiku għax-xahar ta' Ottubru

| | |
|---|---|
| Is-Sibt 1 t' Ottubru | **Santa Tereża tal-Bambin Ġesù**<br>Quddies: 6.45 u 8.30 a.m. u 6.00 p.m. u 7.45 p.m. |
| Il-Ħadd, 2 t' Ottubru | **Is-27 Ħadd taż-Żmien ta' matul is-sena**<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15a.m. u fis-6.00p.m. |
| It-Tlieta, 4 t'Ottubru | **San Franġisk t'Assisi, djaknu**<br>Quddies: 6.45 a.m. u 6.15 p.m. |
| Il-Ġimgħa, 7 t'Ottubru | **L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju**<br>Quddies 6.45 a.m., 8.30 a.m. u 6.15 p.m. |
| Is-Sibt, 8 t' Ottubru | **Festa tad-Dedikazzjoni tal-Kattidral ta' Malta**<br>Quddies: 6.45 u 8.30 a.m. u 6.00 p.m. u 7.45 p.m. |
| Il-Ħadd, 9 t' Ottubru | **It-28 Ħadd taż-Żmien ta' matul is-sena**<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15 a.m. u fis-6.00 p.m. |
| Is-Sibt, 15 t' Ottubru | **Santa Tereża ta' Ġesù, verġni u duttur tal-Knisja**<br>Quddies: 6.45 u 8.30 a.m. u 6.00 p.m. u 7.45 p.m. |
| Il-Ħadd, 16 t' Ottubru | **Id-29 Ħadd taż-Żmien ta' matul is-sena**<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15 a.m. u fis-6.00 p.m. |
| It-Tnejn, 17 t'Ottubru | **San Injazju t' Antjokja, isqof u martri**<br>Quddies: 6.45 a.m. u 6.15 p.m. |
| It-Tlieta, 18 ta' Ottubru | **Festa ta' San Luqa, Evanġelista**<br>Quddies: 6.45 a.m. u 6.15 p.m. |
| Il-Ħadd, 23 ta' Ottubru | **It-30 Ħadd taż-Żmien ta' matul is-sena - ĠURNATA MISSJUNARJA**<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15 a.m. u fis-6.00 p.m. |
| Il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru | **Festa ta' San Xmun u San Ġuda, Appostli**<br>Quddies 6.45 a.m., 8.30 a.m. u 6.15 p.m. |
| Il-Ħadd, 30 ta' Ottubru | **Il-31 Ħadd taż-Żmien ta' matul is-sena**<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15 a.m. u fis-6.00 p.m. |


Parroċċa Familja Mqaddsa,
Pjazza Ninu Cremona,
L-Iklin IKL 1302

**www.parroccaiklin.com**

Tel 21423003
Email: parrocca.iklin@maltadiocese.org


PARROĊĊA
*Familja Mqaddsa*
L-IKLIN



# Il-Miġemgħa


OTTUBRU 2022
**ĦARĠA 223**

LEĦEN IL-PARROĊĊA TAL-FAMILJA MQADDSA

KINDLY SUPPORTED BY JB STORES


It-tema għal din is-Sena Pastorali hija: Komunità li takkompanja. Allura nirriflettu dwar kif insiru żewġ affarijiet: dixxipli u missjunarji. Xtaqt nikteb dwar karatteristika ta' dixxiplu – waħda fost bosta: dik li jagħżel li jpoġġi lil Kristu qabel kulħadd saħansitra qabel l-għeżież tal-familja tiegħu.

Wieħed mill-aqwa plejers tal-futbol Amerikan kien jismu Gale Sayers, li kien Nisrani konvint. Ma' għonqu kien iżomm midalja li fuqha kien hemm imnaqqax dan il-kliem: "I am third" – "Jiena t-tielet". Min kien jara din il-midalja kienet tiġih il-kurżità.

Darba wieħed staqsieh: "Plejer famuż bħalek imissek ktibt "Jiena l-ewwel". Imma Gale Sayers wieġbu: "Jien kelli kowċ jismu Bill Easton, li fuq l-iskrivanija tiegħu kien iżomm din il-card:

The Lord is first – Il-Mulej jiġi l-ewwel.
Others are second – Il-proxxmu jiġi t-tieni.
And I am the third – U jien niġi t-tielet.
Dan irrid inżommu bħala l-programm ta' ħajti."

Id-dixxiplu huwa dak li jpoġġi lil Kristu qabel kulħadd saħansitra qabel l-għeżież tal-familja tiegħu.

Is-sliem
Dun Keith Bonnici
KAPPILLAN

## NIFIRĦU LIL PATRI MANWEL AQUILINA, TEREŻJAN

Nitolbu għal Patri Manwel Aquilina OCD li kien katekista hawnhekk għal ħafna snin, u li nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022 ġie ordnat presbiteru minn Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Knisja ta' Santa Tereża, Birkirkara.

**Nhar is-Sibt, 22 t'Ottubru nilqgħu lil Patri Manwel waqt il-quddiesa tas-6.00 p.m. li ħa jmexxi hu mas-saċerdoti tal-parroċċa u li ser tkun waħda ta' ringrazzjament għad-don tas-Saċerdozju.** Nifirħulek Patri Manwel, nawgurawlek u nitolbu għalik.

## ĊELEBRAZZJONI TAL-KELMA T'ALLA

**L-ERBGĦA, 4 T'OTTUBRU, 2022 MIS-6.40 P.M. SA 7.30 P.M.**

Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar minn Ottubru 2022 sa Ġunju 2023 li fiha jiġi trattat l-Evanġelju tat-tieni Ħadd tax-xahar.
Janima: Mons. Kalċidon Vassallo, li serva bħala Kappillan jew Arċipriet f'diversi parroċċi u li bħalissa jaqdi fil-Parroċċi tal-Iklin u tas-Swatar.

## OTTUBRU IX-XAHAR TAR-RUŻARJU

**Tul ix-xahar t'Ottubru jkun hawn ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat u Barka Sagramentali kull nhar ta' Tnejn, Tlieta, u Ġimgħa fis-5.50 p.m.**

**Is-Sibt, 29 t'Ottubru 2022 fis-6.00 p.m.** ser issir il-quddiesa tal-Madonna tar-Rużarju. Wara ser issir il-Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju li tgħaddi minn Triq Mons Carmelo Aquilina, taqsam Triq Ġużè Pesci, Trejqet ir-Rumanzieri, Triq Karmenu Vassallo, P. Marjanu Vella, parti minn Triq Ċensu Busuttil għal Triq Anton Buttigieg sal-Knisja. Waqtha nitolbu r-Rużarju. Kulħadd mistieden inklużi tfal u l-ġenituri tagħhom.

## IL-ĦADD, 23 TA' OTTUBRU –ĠURNATA MISSJUNARJA

***Din is-sena l-Jum Dinji Missjunarju ser jaħbat nhar it-23 ta' Ottubru. It-tema magħżula mill-Papa hija: "Tkunu Xhieda Tiegħi" (Atti 1:8).***

Bħal kull sena, Missio jagħżel pajjiż fejn ikun biħsiebu jwettaq proġetti sostenibbli sabiex ikunu ta' għajnuna għan-nies tal-lokal. Din is-sena, wieħed mill-proġetti magħżula huwa għajnuna lis-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija f'Hawassa l-Etjopja. Dan il-proġett jikkonsisti f'bini ta' razzett agrikolu. Fl-Etjopja jbatu min-nuqqas ta' ikel minħabba n-nixfa kbira li hemm. Lil dawn is-sorijiet se ngħinuhom jagħmlu programm ta' nutrizzjoni għaċ-ċentru tas-saħħa ta' Busholo. Imma mhux biss, se nagħtuhom ukoll għodda, għarfien u taħriġ sabiex dawn in-nies jitgħallmu kif ikabbru l-ħxejjex tagħhom u kif jieħdu ħsiebhom. Dan ser ikun proġett li jgawdi minnu r-raħal kollu għal tul ta' żmien. Bħas-snin l-imgħoddija s-sapport tiegħek huwa apprezzata ħafna.

## TBERIK U ŻJAJJAR TAL-FAMILJI

### MILL-4.30 P.M. – 7.30 P.M. FIL-ĠIMGĦAT LI ĠEJJIN

**Il-Ġimgħa, 7 t'Ottubru 2022:** Triq Erin Serracino Inglott
**Il-Ġimgħa, 14 t'Ottubru 2022:** Triq Mons PP Saydon u Trejqet il-Poeti
**Il-Ħamis, 20 t'Ottubru 2022:** Triq Anton Buttiġieġ u Triq Ġużè Bonnici
**Il-Ġimgħa, 21 t'Ottubru:** Pjazza Ninu Cremona, Triq Mons Carmelo Aquilina u Triq Ġużè Ellul Mercer
**Il-Ħamis, 27 t'Ottubru:** Triq Ġ. Pesci, Trejqet ir-Rumanzieri , Triq AM Caruana
**Il-Ġimgħa, 28 t'Ottubru:** Triq Giovanni Curmi

Tajjeb li jkun hemm il-membri kollha tal-familja għat-tberik.
Napprezzaw jekk fid-dar tinżamm atmosfera ta' talb waqt it-tberik billi settijiet ta' radju u televixin, tablets, mobiles u l-bqija jinżammu mitfija.
Is-saċerdot ma jeħux ikel jew xorb waqt it-tberik.
Kull donazzjoni li tingħata tmur għall-ħtiġijiet tal-Parroċċa u t-tixrid tal-Vanġelu fl-Iklin, u mhux għas-saċerdot b'mod persunali.

## ĦIN TAL-QUDDIES

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Quddies fis-6:45 am, u fis-6:15 pm

Il-Ħamis u l-Ġimgħa fit-8.30 a.m.

Nhar ta' Sibt: Quddies fis-6:45 am, fit-8:30 am, fis-6:00 pm u fit-7.45 pm
Nhar ta' Ħadd: Quddies fit-8:30 am, fl-10:00 am, fil-11:15 am, u fis-6:00 pm

## ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

KAPPILLAN: Is-Sibt 7.10 a.m. sa 10.30 a.m.

## ĦIN TAL-KATEKIŻMU GĦAT-TFAL

It-Tnejn u l-Ħamis bejn l-4.30 p.m. u l-5.15 p.m. fil-ġranet tal-iskejjel tal-Istat

## ĦINIJIET OĦRA

Qrar:
Qabel kull Quddiesa tal-obbligu u tal-Ħadd

Tqarbin tal-Morda:
Kull jum tal-ġimgħa filgħodu b'appuntament wara li ssir talba lill-Kappillan

Adorazzjoni Ewkaristika:
fis-skiet il-Ħamis mis-6 am sas-6 pm

Via Sagra:
kull nhar ta' Ġimgħa fis-5.55p.m.

Rużarju:
Rużarju kuljum għoxrin minuta qabel il-quddiesa ta' filgħaxija minbarra nhar ta' Ġimgħa.